MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Avviz Numru. 920/1997/1

**Gasan Insurance Agency Ltd bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera General Accident, Fire & Life Corporation PLC ta' Perth, Scotland u din kif assikurata fid-drittijiet ta' assikurat taghha, E. Frendo & Sons Ltd skond il-ligi u skond il-polza ta' assikurazzjoni**

**vs**

**Valletta Freight Services Ltd proprio u bhala agenti tal-Worldwide Container Line.**

**Il-Qorti,**

**Rat id-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell relattiva datata is-17 ta' Marzu tas-sena 2003 li permezz taghha wara li laqghet l-appell interpost u wara li rrevokat u annullat is-sentenza appellata, irrinvjat l-atti ta' din il-**

**procedura quddiem il-Qorti tal-Magistrati ghall-kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi;**

**Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat id-19 ta' Mejju tas-sena 2003 li permezz tieghu ddifferiet il-kawza sine die riappuntabbli ghall-finijiet tal-paragrafu precedenti anke verbalment;**

**Rat id-digriet datat it-2 ta' Lulju tas-sena 2003 fejn din il-procedura giet riappuntata ghall-finijiet fuq indikati quddiem din il-qorti kif preseduta;**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 ta' Mejju ta' l-1997 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta proprio et nomine quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Illi thallas is-somma ta' mija u tlieta u sebghin Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (LM173.38,0) rapprezentanti nuqqasijiet sofferti mill-assikurat tal-attur u li ghalihom gie debitament kompensat minn kunsinnja ta' 145 cartons footwear li wasslu Malta fuq il-vapur Burgas fid-29 ta' April, ta' l-1996;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata tal-avviz;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-15 ta' Mejju ta' l-1997 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta pro et noe eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-azzjoni attrici hija perenta ghax ghaddiet aktar minn sena minn meta waslet il-merkanzija de quo fid-29 t'April, ta' l-1996 sakemm gie prezentat l-avviz fis-6 ta' Mejju, ta' l-1997;**

**2. Illi s-socjeta' eccipjenti mhux l-agenti tad-ditta Wide Container Line u ghalhekk, bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, ghandha tigi liberata ghax giet citata hazin f'dar-rigward;**

**3. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, il-merkanzija de quo kienet giet konsenjata lil Tiba, il-principali taghha, gia fl-istat danneggjat li nstabet fih meta waslet Malta, kif jidher mill-Fax (Dok.FX). Kien ghalhekk li s-socjeta' eccipjenti minnufih infurmat b'dan lill-konsenjatarju f'Malta, assikurat mas-socjeta' attrici, izda dan insista li l-merkanzija xorta wahda tigi "shipped out" ghall-Malta fl-istat li kienet;**

**4. Ghalhekk is-socjeta' eccipjenti qatt ma tista' tigi ritenuta responsabbli ghan-nuqqas reklamat;**

**5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-istess socjeta' konvenuta pro et noe datata l-4 ta' Dicembru ta' l-1997 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-azzjoni attrici hija perenta ghax ghaddiet aktar minn sena minn meta waslet il-merkanzija de quo fid-29 ta' April ta' l-1996 sakemm gie prezentat l-Avviz originali fis-6 ta' Mejju ta' l-1997 u aktar u aktar sakemm sehhet il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza bid-Digriet tas-26 ta' Settembru ta' l-1997, liema korrezzjoni giet biss notifikata lill-eccipjenti ricentement;**

**2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni il-merkanzija de quo kienet gia giet konsejata lil TIBA, l-principali taghha, gja fi stat danneggjat li nstabet fih meta waslet Malta kif jidher mid-Dokument FX gja esebit. Kien ghalhekk li s-socjeta' eccipjenti minnufih infurmat b'dan lill-konsenjatarju f'Malta assikurat mas-socjeta' attrici,**

**izda dan insista li l-merkanzija xorta wahda tigi "shipped out" ghall-Malta fl-istat li kienet;**

**3. Ghalhekk is-socjeta' eccipjenti qatt ma tista' tigi ritenuta responsabbli ghan-nuqqas reklamat;**

**4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat is-sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta datata t-12 ta' Frar tas-sena 2001;**

**Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell relattiva datata s-17 ta' Marzu tas-sena 2003;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ezaminat id-deposizzjonijiet precedentement mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi preliminarjament ser tesplora l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta' konvenuta pro et noe, molto piu' fuq l-iskorta ta' decizjoni tal-qorti tat-tieni istanza fuq riferita;**

**1. Illi l-merkanzija in dizamina ddahhlet Malta fid-29 t'April ta' l-1996 bil-vapur Burgas minn Barcellona, (ara fol 48);**

**2. Illi jidher li l-ewwel att gudizzjarju li sar in tutela tad-drittijiet tas-socjeta' attrici nomine hu propju l-avviz promotur li hu datat is-6 ta' Mejju ta' l-1997;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista tal-premess jirrizulta oggettivament assodat li l-ewwel azzjoni li tiehdet mis-socjeta' attrici nomine kienet abbundantement tardiva ;**

**Illi konsegwentement ghandu jkun pacifiku li l-posizzjoni attrici hi allura irrimedjabbilment pregudikata;**

**Ghaldaqstant din il-qorti a bazi ta' l-artikolu 544 (d) tal-Kap 13, ta' l-artikolu 2147 (d) tal-Kap 16 u ta' l-artikolu 65 tal-Kap 352 filwaqt li tilqa' din l-eccezzjoni preliminari sollevata mis-socjeta' konvenuta tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------